

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Hetec Datensysteme GmbH (Munich, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Kockläuner u O. Nilgen, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' April 2019 (Każ R 1171/2018-2), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Hetec Datensysteme u Heitec.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Heitec AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 312, 16.9.2019.

---

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Frar 2022 – Companhia de Seguros Índico vs Il-Kummissjoni (Kawża T-672/19) (<sup>1</sup>)

*(“Kuntratti pubbliċi – Regolament Finanzjarju – Esklużjoni tal-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti u ta' għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni u mill-FEŻ għal perijodu ta' tliet snin – Prinċipju ta' bona fide – Abbuż ta' dritt – Żball manifest ta' evalwazzjoni – Proporzjonalità”)*

(2022/C 148/29)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### Partijiet

Rikorrent: Companhia de Seguros Índico SA (Maputo, Możambik) (rappreżentant: R. Oliveira, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: I. Melo Sampaio, aġent)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Lulju 2019 dwar l-esklużjoni tar-rikorrenti għal perijodu ta' tliet snin mill-parteciċipazzjoni fil-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti u ta' għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u mill-parteciċipazzjoni fil-proċeduri ta' selezzjoni bil-għan tal-eżekuzzjoni ta' fondi tal-Unjoni kif ukoll dwar il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni relatata ma' din l-esklużjoni.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Companhia de Seguros Índico hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 399, 25.11.2019.